MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 411/2006

**A**

**-vs-**

**B, C u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-21 ta’ Diċembru, 2006 li permezz tiegħu l-attriċi nomine esponiet bir-rispett:

1. Illi fis-sitta (6) ta’ Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006) twieled lil A, il-minuri X, kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid numru elfejn, disa’ mija, sebgħa u tletin (2937) tas-sena elfejn u sitta (2006), hawn anness u

mmarkat bħala Dok. “A”, liema ċertifikat tat-twelid jindika bħala missier l-imsemmi minuri lill-konvenut B;

2. Illi meta twieled l-imsemmi minuri, l-attriċi nomine u żewġha l-konvenut B kienu ilhom separati *de facto* sa mis-sena 2002. Di piu’, huma sseparaw legalment permezz ta’ sentenza mogħija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-24 ta’ Frar, 2005, liema sentenza ġiet ikkonfermata permezz ta’ sentenza oħra mogħtija mill-Qorti ta’ l-Appell fit-28 ta’ April, 2006 (ara Dok. “B”);

3. Illi l-istess minuri X twieled minn relazzjoni li kellha l-attriċi nomine mal-konvenut C u dan kif jirriżulta wkoll mir-rapport tad-*DNA Paternity Test*, hawn anness u mmarkat bħala Dok. “C”;

4. Illi għalhekk il-konvenut B m’huwiex il-missier naturali tal-minuri X, iżda huwa l-konvenut C li huwa l-missier naturali ta’ l-istess minuri;

5. Illi l-attriċi nomine taf b’dawn il-fatti personalment;

6. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-attriċi nomine titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

1. Tiddikjara li t-tarbija li twieldet lill-attriċi nomine nhar is-sitta (6) ta’ Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006), bl-isem ta’ X, m’hijiex il-wild naturali tal-konvenut B, iżda l-wild naturali tal-konvenut l-ieħor C.

2. Tordna għalhekk lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel dawk il-korrezzjonijiet kollha neċessarji fl-att tat-twelid ta’ l-imsemmi minuri X, numru elfejn, disa’ mija, sebgħa u tletin tas-sena elfejn u sitta (2937/2006), sabiex il-paternita’ ta’ l-istess minuri tiġi korrettement rispekkjata fl-istess att, u dan billi jiġu mħassra u kkanċellati mill-istess att ta’ twelid, il-konnotati

kollha tal-konvenut B u minflok jiġu mniżżla l-konnotati tal-konvenuti l-ieħor C.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li minn issa huma nġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fl-20 ta' Frar, 2007 li permezz tagħha d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għal ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ li r-rikorrenti tipprova l-impossibilita' fiżika bejn il-konjuġi u cioe' bejn l-intimat B u bejnha.

3. Inoltre, mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll, ir-rikorrenti għandha tispeċifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali u cioe' ta' l-intimat C sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqgħu, dawn id-dettalji jkunu jistgħu jiġu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni. Inoltre, ir-rikorrenti għandha titlob li jekk it-talbiet attriċi jintlaqgħu, il-kliem "*the said*" għandhom jiġu kanċellati mill-kolonna li tispeċifika d-dettalji ta' l-omm u jeħtieġ ukoll li r-rikorrenti tispeċifika x'għandu jkun il-kunjom tal-minuri fuq l-Att in kwistjoni.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-intimat li

għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

6. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Marzu, 2007 fejn il-konvenut B ammetta t-talba.

Rat l-atti proċesswali kompriż ir-rapport tat-test tad-*DNA* li ġie kkonfermat bil-ġurament.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju, 2007 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut B qed jitlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellha l-attriċi fiż-żmien imsemmi u cioe' meta l-partijiet kienu separati *de facto* hija ta' ħaddieħor. F'dan il-każ hawn l-ammissjoni tal-konvenut fil-verbal imsemmi. Fil-fatt il-partijiet isseparaw legalment permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fit-28 ta' April, 2006 iżda billi l-minuri ġie konċepit fi żmien meta kienu għadhom legalment mhux separati ġie imniżżel bħala iben lill-konvenut B.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet <u>Josianne Giusti vs Pierre Giusti et</u> deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodiċi Civili (<u>Spiteri pro et noe vs Cilia et</u>, fost oħrajn 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħedha mhux biżżejjed (Art. 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili,*

*meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubbju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża *multa magis* meta ġie prodott bħala prova t-test tad-DNA. Fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku din ġiet sorvolata għaliex fil-mori tal-kawża saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-artiklu 254.

**Il-Qorti għalhekk fl-ammissjoni tal-konvenut tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet ta' l-attriċi u għalhekk;**

**1. tiddikjara li l-minuri X li twieled fis-6 ta' Settembru, 2006 m'huwiex il-wild naturali tal-konvenut B iżda tal-konvenut C;**

**2. tilqa' t-tieni talba b'dan li l-korrezzjoni għandha ssir fi żmien xahar mil-lum u skond il-partikolarijiet tal-konvenut C kif jidher fl-atti proċesswali.**

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------